# Ħsieb tal-Milied

Aħna maħluqa biex ikollna relazzjonijiet ma bnedmin oħra. Ħafna mill-ferħ tal-ħajja jiġi minn interazzjoni mal-persuni ta' madwarna. Mal-membri tal-familja, uliedna, il-ġenituri, kollegi, qraba, ħbieb, ġirien u anke nies li niltaqgħu magħhom għal ftit fil-ħajja ta' kuljum. Il-bniedem jieħu ħafna mill-kuntatt u mill-interazzjoni ma ħaddiehor. Biex ikollna relazzjoni vera u b'saħħitha, ma jridx ikun hemm egoiżmu, iżda ħafna mħabba u altruiżmu. L-egoiżmu bħal velenu; joqtol kull tip ta' relazzjoni qatra, qatra, naqra, naqra.

Jekk hawn xiħadd li tana l-akbar eżempju ta' mħabba bla kundizzjonijiet, dan kien żgur Alla! Tant ħabb lill-bniedem li ħa l-forma umana, forma ta' tarbija, biex jikber u jagħtina l-aqwa eżempju. Biex Hu bħalna jħoss x'taf tagħti l-ħajja. Seta' jgħożż il-ħlewwa ta' familja, seta' jiggosta xi ikla mal-ħbieb, jempatiżża mal-marid u jgħin lill-batut. Saħansitra ħass x'hini l-għira u t-tradiment. Ġesu ried jurina kif ngħixu relazzjonijiet ma l-oħrajn bl-aħjar mod possibbli. Ried li nħobbu lil xulxin kif ħabbna Hu.

Alla li sar bniedem b'imħabba perfetta, ħa fuqu l-ħazen kollu tagħna u wera bil-fatti, bi pjan maħsub bir-reqqa, kif tkun l-imħabba. Ġesu tarbija hija l-imħabba ippersonifikata.

Dan il-Milied ejjew ngħixuh fl-imħabba. Li nagħtu bla ma nistennew xejn lura, li ngħożżu kull mument daqs li kieku dan kien l-aħħar Milied tagħna, li niggustaw il-ħajja f'dak li hu sempliċi. Ejjew ma nintilfux fil-ġenn tal-kummerċjaliżmu, fin-nuqqas ta' paċenzja u rabja għal xulxin.

Ġesu ġie fid-dinja !!
L-Aqwa rigal ta' mħabba li Alla qatt seta' jagħtina!!
Ejjew niċċelebraw flimkien din ir-realta'.
Alla ġie qrib biex qabel kull ħaġa oħra

**<u>L-Akbar relazzjoni tkun Miegħu!!</u>**

**Joanne Pisani**
AGSL, ACSL u Direttur Spiritwali
Fgura scout group



**Fgura Scout Group**
62, Triq il-Kuluvert, Fgura FGR 1855 - Malta
Tel: (+356) 2182 2635 • E-mail: gsl@fgurascouts.org • Web: www.fgurascouts.org
Full Member of The Scout Association of Malta